MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 284/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria Assunta Farrugia**
**Ganna Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Assunta Farrugia u Ganna Caruana talli fil-jiem ta' qabel il-21 ta' Marzu 2005 bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom dahlu f'ghalqa proprjeta` tal-kwerelanti fil-limiti tal-Qrendi kontrada taz-Zellieqat tal-kejl ta' circa tomnejn jew ahjar elfejn, mitejn u sebgha u disghin metru kwadru (2297mk) u minghajr il-kunsens tal-mittenti u jew xi ordni ta' awtorita` poggew gebel u ghamlu marki mal-hitan ta' l-istess ghalqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Marija Assunta Farrugia u Ganna Caruana hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom multa ta’ tliet mija u hamsin euro (€350) kull wiehed.  Barra minn hekk, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnatilhom li sa zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza jhallsu lir-Registratur tal-Qorti elf disa’ mija u tnejn u tletin euro u tnax-il centezmu (€1932.12) li jirrapprezentaw l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Marija Assunta Farrugia u Ganna Caruana pprezentat fis-16 ta’ Ottubru, 2008 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u jigu liberati minn kull htija tal-imputazzjoni kontra taghhom, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti tidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress illi l-allegat *ragion fattasi* gara wara z-zmien imsemmi fl-imputazzjoni, u cioe` f’April 2005; (2) bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma ngabet ebda prova mill-kwerelanti li huma proprjetarji ta’ l-art, u kienu l-appellanti li resqu provi li dak li ghamlu ghamluh bhala sidien.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti jirreferu ghax-xiehda ta’ Sina Magro, wahda mill-kwerelanti, li fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2006 qalet li r-*ragion fattasi* sehh f’April 2005. Jghidu illi ghalhekk ma setghux jinstabu hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta.

Minn ezami li ghamlet din il-Qorti tax-xiehda ta' Sina Magro pero` ma jirrizultax li hija qalet li l-ispoll sehh f'April 2005 izda li r-ritratt Dok. SM121201 juri s-sitwazzjoni li rat hi l-ewwel darba fis-16 ta' April 2005. Hi fil-fatt tghid hekk: *"Darba xi sena ilu giet l-imputata Giovanna Farrugia, qaltli li miet zijuha u ghandhom bicca f'Taz-Zellieqat. Jien staqsejt fejn hi, hi qaltli li tmiss ma' taghna, ma' ta' Mangion u ma' tal-Knisja. Aktar tard gie Peter u qalli li saru l-hitan u qalulu biex ma jahdimhiex. Nesebixxi Dok SM121201 li juri s-sitwazzjoni li rajt l-ewwel darba fis-16 ta' April 2005. Sussegwentement sar il-hajt mertu tal-kawza .... Aktar tard saru marki indikati RTO."* Evidentement Sina Magro rat il-gebel fl-ghalqa wara li nfurmaha b'hekk Peter Magri, il-persuna li kien ilu jahdem l-art ghal diversi snin. Barra minn hekk il-kwerela kontra l-appellanti ma setghetx saret qabel il-fatt izda wara l-fatt. Fil-kwerela (datata 12 ta' April 2005) fil-fatt jinghad illi "fil-jiem qabel il-21 ta' Marzu 2005, (l-appellanti) dahlu fl-ghalqa taghhom u minghajr il-kunsens tal-mittenti u jew xi ordni ta' awtorita` poggew gebel u ghamlu marki mal-hitan ta' l-istess ghalqa." Din il-kwerela giet ikkonfermata bil-gurament mill-kwerelant Paul Magro.[1] Inoltre l-appellanti ammettew li kienu huma, ossia kif xehdet l-appellanti Farrugia, uliedhom inkarigati minnhom, li tellghu l-hajt, izda dan ghamluh fuq il-parir tan-Nutar Philip Said li qalilhom li l-art kienet taghhom u setghu jaghmlu li jridu fiha basta jzommu l-marki tal-Perit Borg. Il-hajt tellghuh fuq parir tal-Perit Saviour Borg ukoll. Lil Sina Magro ma saqsithiex jekk ittellax il-hajt. L-ewwel aggravju qieghed b'hekk jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellanti jghidu illi l-kwerelanti ma gabu ebda prova li huma l-proprjetarji ta' l-art in kwistjoni, mentri l-appellanti gabu prova li dik l-art hi taghhom. Issa, fejn jirrigwarda r-reat ta' *ragion fattasi*, l-artikolu 85 jittutela l-pussess. Ghalhekk il-kwerelanti ma kellhomx ghalfejn igibu prova tat-titolu taghhom u huwa bizzejjed li jistabilixxu l-pussess. Barra minn hekk dan ir-reat jista' jigi kommess anke minn proprjetarju. U mhijiex

[1] Ara xiehda tieghu quddiem il-perit tekniku fil-25 ta' Mejju 2006.

il-kompetenza ta’ din il-Qorti biex tiddeciedi dwar ta’ min hi l-art in kwistjoni. Mill-banda l-ohra, mix-xiehda ta’ Peter Magri jirrizulta li ilu jahdem l-ghalqa in kwistjoni ghal diversi snin (hu jsemmi tletin sena) u jhallas il-qbiela lill-familja Magro, tant li meta sab il-gebel mar jinforma lil Sina Magro. Jigifieri l-kwerelanti kellhom il-pussess ta’ dik l-ghalqa. Ghalhekk is-sentenza trid tirrifletti dan l-istat ta’ fatt.

Kwantu ghall-piena, peress illi jirrizulta li dak li ghamlu l-appellanti ghamluh fuq parir tan-Nutar taghhom u tal-Perit taghhom – li pero` mhumiex awtorita` pubblika – u li ghalhekk dehrilhom li kienu qed jezercitaw id-dritt taghhom a bazi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 434 tal-Kodici Civili, u peress illi t-tnejn ghandhom fedina penali nettissima, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa l-kaz li tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446. Kwantu mbaghad l-ordni sabiex ihallsu l-ispejjez ta’ l-espert, din il-Qorti tirreferi ghal dak li jipprovdi l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9:

**“Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew lil hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghal hlas lir-registratur, ta’ l-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri….”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

F’dan il-kaz jirrizulta li l-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio* izda permezz ta’ kwerela ta’ l-Avukat Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi f’isem il-familja Magro (ara kwerela a fol. 2 tal-process). Ghalhekk l-appellanti ma kellhomx jigu kkundannati ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f’dar-rigward. Ara f’dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta’ Jannar 2008 u s-sentenza **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et** moghtija fit-2 ta’ Lulju 2008.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal multa ta’ tliet mija u hamsin euro (€350) kull wahda minnhom u in kwantu gew ordnati jhallsu lir-Registratur is-somma ta’ elf disa’ mija tnejn u tletin euro u tnax-il centezmu (€1932.12) spejjez in konnessjoni mal-hatra ta’ espert, u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor matul il-perijodu ta’ tliet xhur li jibda jiddekorri millum, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------